# INTFEW ID-DWAL

## (AGHMA LIL BINTU)

*Ejja, binti, ħdejja!*
*— Hawn, jien qiegħda ħdejk —*
*Ejja ħa mmis wiċċek,*
*Ħa nbusek fuq ħaddejk.*
*L-aħħar li rajtek, Ġemma,*
*Kont għadek ta' sentejn,*
*Titliegħeb, tidħak, tibki,*
*Ma tafx għaliex u għalfejn.*

*Dik kienet l-aħħar darba,*
*Ma narakx aktar żgur.*
*Jgħidu bi ġmielek timla*
*W iżżejjen kull fejn tmur.*
*Il-ħolm li ħlomt snin ilu*
*Għadda bħal fewġa riħ,*
*Rajtek fi ħsiebi xbejba*
*B'wiċċek għad-dawl, ferrieħ.*

*Il-lum l'int kbirt, jien tliftek,*
*Madwari dlam, dlam biss,*
*Il-passi riesqa nisma',*
*U xagħrek folt immiss,*
*Imma, għalkemm nisimgħek,*
*Taħt ħarsti ma taqax,*
*Irrid narak tidħakli,*
*Irrid u ma nistax.*

*Qed tibki? Le, il-biki,*
*Binti, ħallih għalija;*
*Għalik miftuħa l-ħajja,*
*Gawdi l-ġenn taż-żgħużija.*
*Għid, binti, diġà dalam?*
*— Iva, dalam sew —*
*Il-lejl ta' ħajti wasal,*
*Id-dwal ilhom li ntfew.*

27. X. 49. ĠUŻE' CHETCUTI.